**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-29 ta' Jannar, 2019**

**Talba Numru: 601/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 39**

**Christopher Zammit (512763M) f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc "CZ Installations" ta' Juniper News, Block E, Flat 3,**

**Triq San Gwann,**

**Gharghur**

**Vs**

**Christianne Borg Barthet (136578M)**

**34, Triq Is-Sajjieda,**

**Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fid-29 ta' Dicembru, 2016 li permezz tieghu talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas s-somma ta' tlett elef erba' mija tnejn u hamsin ewro u tmienja u sittin centezmu (€3,452.68c) (vat inkluz) bilanc finali ta'

diversi xogholijiet li wettaq ta' dawl u plumbing fil-fond li jinsab 'Corner House' Triq il-Bahar l-Iswed, kantuniera ma' Triq Antonio Busuttil, San Gwann.

Ra r-risposta tal-konvenuta fol 21 li permezz taghha eccepiet li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija qatt ma kkommissjonat jew inkarigat lill-attur biex jippresta s-servizzi tieghu izda l-inkarigu inghata minn missierha Charles Borg Barthet u ghalhekk l-esponenti m'hijiex il-legittima kontradittrici; fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost u sussidjarjament ghll-istess ix-xogholijiet ma sarux skont l-arti u s-sengha u l-ammont mitlub huwa esagerat.

A fol 26 l-attur xehed li l-intimata kienet kellmitu biex jaghmlilha alterazzjonijiet ta' dawl u ilma fil-proprjeta' taghha fi Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann. Hija kienet taf bih peress li kien qed jaghmel xi xoghol fis-showroom tal-business tal-familja Beta Centre tal-Fgura. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'alterazzjonijiet ta' points tad-dawl, alterazzjonijiet fid-drenaggi fix-shaft, alterazzjonijiet fil-pajpijiet tal-ilma fix-shaft ukoll u stallazzjoni ta' erba' kmamar tal-banju godda u xoghol ta' plumbing relattiv ghall-istess kmamar tal-banju. Il-konvenuta taghtu wkoll xi xogholijiet addizzjonali fil-basement tal-villa taghha biex tlestieh bhala flatlet separat sabiex tkun tista tikrieh.

L-attur pprezenta l-bilanci kollha li fadal u l-itemised bill shih tax-xogholijiet li saru ghand l-intimata.

Meta fil-bidu ta' Lulju, 2015 huwa lesta l-plumbing tal-bathrooms kollha u rama l-istess bathrooms huwa lestielha l-ilma fil-kcina u l-intimata kellha kollox jahdem mija fil-mija. Sa dakinhar hija hallsitu tax-xoghol kollu li ghamilha sal-ahhar tas-sena 2014 u f'Jannar, 2015 hija ghaddietlu l-ewwwel pagament. Huwa jghid li l-intimata qatt ma ilmentat dwar il-kwalita' jew l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet anzi kienet kuntenta bix-xogholijiet li kkummentat li l-post kien jidher brillanti fl-emails li huwa pprezenta.

Huwa qatt ma deherlu li l-konvenuta kellha xi problema ta' hlas tant li hija kienet tghidlu li kienet ser taghmillu pagament wiehed finali tant li kienet tkompli izzidlu xi xogholijiet zghar biex il-kont shih thallsu kollu f'daqqa fl-ahhar.

Huwa jikkonferma li fil-post tal-konvenuta kien iltaqa' ma' problema fis-sistema tad-dawl u s-salvavita kienet qed taqa' matul il-lejl. Izda ix-xoghol tad-dawl ma kienux

ghamlu hu fil-post u huwa kien gie imqabbad biss biex jaghmel alterazzjonijiet ghal tmexxija ta' plakek u points tad-dawl godda fost ohrajn. Ix-xogholijiet t'alterazzjonijiet li qabditu jaghmel il-konvenuta kien rizultat ta' tibdiliet strutturali fil-fond li kienet ghamlet il-konvenuta. Il-konvenuta kienet anke talbitu jiccekja din il-kwistjoni u huwa esebixxa time sheet tal-granet kollha li ghamel biex ifittex is-sors ta' din l-problema fid-dawl. Dan kien bejn it-30 ta' Lulju, 2015 u l-14 ta' Lulju, 2015 u kien skopra li l-problema kienet harget meta l-konvenuta kienet installat l-AC's fil-post. Skont hu dak iz-zmien is-sistema tad-dawl li kellha ma kinitx addattata b'circuit separat ghas-sistema tal-Air Conditioning Units u minhabba li t-tip ta' air conditions li kienu interter-type jinholoq DC-current u seta' jaffetttwa li tibqa taqa' s-salvavita.

Huwa jichad li qatt kien ftiehem ma' missier il-konvenuta Charles Borg Barthet dwar dawn ix-xogholijiet liema xogholijiet kienet dejjem il-konvenuta li inkarigatu biex jaghmilhom u dejjem hallsitu. Waqt ix-xogholijiet u anke wara hadd lilu ma qallu la l-konvenuta u lanqas missierha li x-xoghol sar hazin jew li ma kienx skont is-sengha. Din skuza li qed iggib il-konvenuta biex ma thallasx temm jghid l-attur.

A fol 52 xehed l-attur li l-ewwel missierha kien qabdu jaghmel xogholijiet fil-hanut taghhom Beta Centre l-Fgura fis-sena 2013 u meta spicca sena wara l-attrici qabditu jahdmilha fid-dar taghha f'San Gwann. Huwa pprezenta records mid-diary tieghu tax-xoghol li ghamel San Gwann u l-Fgura u l-pagamenti li saru lilu bejn id-19 ta' Gunju, 2014 u l-01 ta' Settembru, 2014 minn John Borg Barthet u mill-konvenuta.

In kontro-ezami fol 68 et l-attur xehed li t-tifla cioe' l-konvenuta inkarigatu jaghmel ix-xogholijiet u kienet it-tifla li waqfitu meta qaltlu 'Tigix aktar'. Huwa beda jibghat messaggi lil missierha wara li t-tifla baghtitlu li mhux ser thallas. Waqt il-laqgha li saret mal-konvenuta u missierha, missierha beda jghidlu li huwa cioe' missierha ghandu jaghtih. Huwa jichad li missierha qallu dan u dan ghax huwa ma ghandu jaghtih xejn.

A fol 41 xehdet l-konvenuta u kkonfermat li hija hallset lill-attur 60% tax-xogholijiet u hallsithom hi ghax missierha ma kienx hawn, u li dawn ix-xogholijiet proprja missierha ihallashom mhux hi, ghax mhux hi qabdet lill-attur jaghmel dan ix-xoghol. Hija kkonfermat li baghtet l-email tal-04 ta' Lulju, 2015 lill-attur u li x-xogholijiet saru fid-dar taghha izda tghid li mhux hi qabditu ghax hija kienet Project Manager ta' dan ix-xoghol. Hija tammetti li tat struzzjonijiet lill-attur biex jaghmel ix-xogholijiet elenkati fl-email

tal-04 ta' Lulju, 2015. Hija tikkonferma li kienet ghamlet pagament lill-attur mill-kont taghha fl-04 ta' Lulju, 2015 Dok CZ3 izda skont hi wara kienu hallsuha tieghu. Hija tghid li kien hemm aktar pagamenti li saru jew li missierha tahomlu cash jew tah cekkijiet. Izda dwar id-dar taghha hemm pagamenti ohra li saru b'cekkijiet minghand missierha u mhux minghandha. Hija tghid li lill-attur tawh hafna u missierha kien qabdu hafna xoghol inkluz il-hanut. Hija tammetti li l-attur kien johrog il-quote, imbaghad quote ohra, imbaghad hija kienet qalet lill-attur biex jigbor kollox f'daqqa halli jhallsuh. Meta mistoqsija li l-kliem li uzat kien 'ha nhallsek' u mhux 'ha nhallsuk' hija wiegbet li l-kelma ggib hemm.

A fol 57 fl-affidavit taghha l-konvenuta xehdet li missierha Charles Borg kien inkariga lill-attur originarjament biex jaghmel xi xogholijiet fid-dar ta' huha John gewwa San Gwann, wara fil-hanut Beta Centre l-Fgura u missierha insista maghha li tinkariga lill-attur biex jaghmel ix-xogholijiet fid-dar taghha minhabba li skont hi l-attur kellu problemi finanzjarji u missierha ried jghinu.

Kien missierha li qabdu biex jahdmilha fid-dar ta' San Gwann u hija tammeti li l-attur beda x-xogholijiet fid-dar taghha ghal habta ta' Novembru, 2014. Dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f'xogholijiet ta' dawl u ilma li fil-maggior parti taghhom kienu alterazzjonijiet sabiex id-dar tigi kif xtaqitha hi u sabiex tkun tista tidhol tghix fiha kemm jista jkun malajr. Hija tilmenta li l-attendenza tieghu fuq l-post tax-xoghol kienet irregolari hafna u kellha diversi problem biex tlahhaq mieghu u mal-haddiema l-ohra li kienu qed jahdmu fuq il-post. L-attur kien imur fil-maggior parti filghaxijiet.

Hija tghid li l-problemi bdew jiggravaw meta f'Lulju, 2015 kien fadal anqas minn xahar minn meta kellha tohrog mid-dar ta' missierha u inqalghet problema bis-salvavita izda l-attur minflok solviha hadem fuq affarijiet minuri u wasal Awwissu u l-attur ma solviex il-problema tas-salvavita u hija ma setghetx tidhol id-dar u missierha tilef il-kirja tal-post fil-Mellieha fejn kienet qed toqghod.

Hija kienet tigri wara l-attur biex ilestilha u ghal habta ta' Santa Marija meta kellha kollox lest biex tidhol fid-dar taghha l-problema bis-salvita kienet ghadha hemm u ma setghetx tmur tghix fid-dar ta' San Gwann. Hija bdiet iccempel lill-attur u meta s-segreterija rrispondiet bil-lingwa Taljana hija skopriet li l-attur mar vaganzi u halliha lampa stampa. Hija sabet lil Apap Installations u f'temp ta' jumejn solvielha l-problema

bis-salvavita u ghalhekk missierha ddecieda li jqabbad lilu biex ilesti x-xogholijiet li kien fadal.

F'Settembru mar l-attur biex ikompli bix-xogholijiet izda missierha qallu biex ma jidholx fid-dar taghha ghax kienu lestew u missierha ma riedx jahdem bih izjed. Hija terga ttenni li missierha kien inkarigah jaghmel ix-xogholijiet fid-dar taghha u ghalhekk missierha ghandu jhallas u mhux hi.

Meta l-attur talab li jiltaqa ma' missierha huma kienu iltaqghu fil-hanut u l-attur beda jsaqi lil missierha fil-presenza taghha sabiex ihallsu l-bilanc tax-xogholijiet li ghamel fid-dar taghha. Missierha wiegbu li hu ghandu jaghtih u mhux bil-kontra. Peress li ghal missierha din kienet kwistjoni ta' principju missierha ssugerielu li jaghtu donazzjoni ta' tlett elef ewro (€3,000) lid-Dar tal-Providenza izda l-attur ma accettax u heddu bil-Qorti. Hija taf li saru laqghet bejn missierha u l-attur u l-avukati taghhom izda ma waslu imkien.

A fol 77 et in kontro-ezami l-konvenuta meta murija l-kontijiet minn fol 28 sa 32 hija ammettiet li rathom. Hija tghid li jekk ghamlet xi pagamenti ma jfissirx li inkariga lill-attur hi. Hija tammetti li ghamlet xi pagament lill-attur.

A fol 60 fl-affidavit missier il-konvenuta Charles Borg Barthet xehed li meta qabbad lill-attur jaghmel xogholijiet fil-fond ta' ibnu John kien hu li hallsu u kien huwa li qabbad lill-attur jaghmel xoghol fid-dar ta' bintu l-kovnenuta. Huwa hallas ghax-xogholijiet li saru fid-dar tal-konvenuta u meta kien ikun imsiefer kienu jhallsuh t-tfal imbaghad huwa kien ihallashom lura.

Ix-xoghol beda f'Dicembru, 2014 jew Jannar, 2015 u fl-istess zminijiet l-attur kien qed jaghmillu xogholijiet fil-hanut taghhom Beta Centre gewwa l-Fgura. Huwa kien ghamilielu cara li x-xogholijiet kellhom ikunu lesti ghax kien kera l-post fejn kienet qed toqghod bintu fil-Mellieha b'effett mill-01 ta' Awwissu, 2015.

Lejn nofs is-sena 2015 huwa u l-attur kienu tkellmu fuq vjagg li xtaqu jaghmlu flimkien fuq is-sailing boat biex imorru tlett gimghat il-Grecja izda d-dghajsa kellha bzonn xi xogholijiet fis-sisema elettrika u li izda ghal habta ta' Gunju/Lulju, 2015 meta kellhom isiru dawn ix-xogholijiet l-attur qatt ma tfacca.

Wasal Awwissu u l-problema tas-salvavita ma kienetx solvuta u ghalhekk il-post tal-Mellieha ma setax jikrih u huwa u binti kienu jigru wara l-attur biex isolvi din il-problema u meta bintu infurmatu li l-attur jinsab imsiefer huma ma kellhomx triq ohra hlief li jqabdu lil haddiehor. Meta gie lura l-attur kien minghalih li ser ikompli bix-xogholijiet fid-dar ta' bintu izda huwa ma accettax. L-attur beda jibghat messaggi biex ihallsu xi bilanc li kien qed jippretendi tax-xoghlijiet li kien beda u huwa infurmah li dak iz-zmien kien imhabbat bir-Rolex Middle Sea Race 2015 u wara kellhom jiltaqghu sabiex jara l-attur x'qed jippretendi li jhallsu u huwa jinforma lill-attur b'dak li ghandu jhallsu mill-ispejjez relattivi ghat-trip tal-Grecja, zebghat u materjal li kien ha mill-hanut ghad-dghajsa tieghu telf ta' kiri tal-Mellieha. Huwa jammetti li l-attur kien mar il-hanut biex jiddiskutu izda ma ftehmux ghax meta talbu jispjega kif wasal ghall-ammont ta' elfejn disa' miija u sitta u ghoxrin ewro (€2,926) huwa ma tahx spjegazzjoni u x-xhud qallu li huwa ghandu jiehu minghandu wisq aktar minn hekk. Huwa jghid li l-kawza qed jaghmilha kontra t-tifla biex jevita li jhallsu. Huwa jerga jtenni li l-inkarigu lill-attur tahulu hu u mhux bintu.

In kontro-ezami a fol 80 (overleaf) Charles Borg Barthet missier l-attrici kkonferma li kien ghamel xi pagamenti huwa lill-attur fuq dan il-progett ta' San Gwann. Huwa spjega li bintu kellha rwol tordna l-affarijiet kif tixtieq taghmilhom hi u huwa kif hallas lis-subien kien ser ihallas lit-tifla ukoll. Is-safra li saret mal-attur kienet f'Lulju, 2015 qrib tmiem ix-xogholijiet tad-dar ta' San Gwann u kien ftehim mal-attur li huwa jipprepara x-xogholijiet fuq id-dghajsa tieghu ghal tant hlas kuljum. Huwa jammetti li qatt ma ghamel talba gudizzjarja fir-rigward.

Semgha t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha prodotti.

Ikkunsidra

Li l-kawza titratta kuntratt ta' appalt moghti lill-attur biex jaghmel xogholijiet fid-dar tal-konvenuta gewwa San Gwann. L-attur jghid li dawn saru fuq inkarigu tal-konvenuta u l-konvenuta tghid li hija mhix il-legittimu kontradittur stante li dawn ix-xogholijiet saru fuq inkarigu ta' missierha Charles Borg Barthet u ghalhekk se mai missierha ghandu jhallas u mhux hi. Hija tghid ukoll li l-ammont mitlub huwa esagerat u x-xogholijiet ma sarux skont l-arti u s-sengha.

Legittimu kontradittur

Il-konvenuta eccepiet li missierha Charles Borg Barthet ghandu jissejjah fil-kawza ghax ma kienetx hija li inkarigat lill-attur biex jaghmel ix-xogholijiet u ghalhekk hija ma hijiex l-legittima kontradittrici. L-attur jikkontendi li la l-konvenuta ma sejhitx lill-missierha fil-kawza hija qed tassumi r-responsabilita' ghal dan il-hlas.

Skont r-regolament numru 6 tar-Regolamenti Sussidjari 380.01 li jirrigwardaw it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, dan ir-regolament jaghmilha tassativa li: '6(1) jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun haddiehor li jhallas it-talba huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha'.

Dan il-konvenuta ghamlitu u ghalhekk imxiet sew mar-regolament izda l-attur jikkontendi li se mai kellha ddahhal lil missierha fil-kawza hija u mhux hu u la ma ghamlitx hekk hija assumiet ir-responsabilita' ghal dan il-hlas.

Illi skont is-sentenza citata mill-attur, moghtija minn dan it-Tribunal diversament prezedut fl-10 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet: **Frankie Zammit vs Kunsill Lokali San Gwann** (kawza nru 768/2011 per Psaila Savona), it-talba ta' legittimu kontradditur titlob li l-konvenut m'ghandux lok fil-kawza u ghandu jigi sostitit minn terz filwaqt li l-kjamat in kawza huwa zieda ta' konvenut iehor.

Dan il-konvenuta ma ghamlitux u ghalhekk issa sta ghaliha li tipprova li hija ma kienetx il-persuna li kellha tirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hija ma kienetx dahlet f'ebda rapport mal-attur jew li m'ghandx ghandha tali rapport. (Vide fir-**rigward sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili per Valenzia fl-ismijiet: Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciza 3/10/2008 cit 1236/07** )

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu cioe' li x-xogholijiet ma sarux skont l-arti u s-sengha u li l-ammont mitlub huwa esagerat dan it-Tribunal jirrileva dan li gej:

Skont l-**Art.993 tal-Kap.16:**

*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont*

*ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi."* (ara – Appell Kummercjali – "**Psaila vs Spiteri**" – 27 ta` Jannar, 1958 – Vol XLII.I.669 ; u Appell Civili - "**Depares noe vs O`Dea noe" –** 25 ta` Gunju, 1996**) Joseph Chetcuti Noe vs Peter Paul Camilleri** deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 mill-Qorti tal-Appell).

**Ricci** f`***Delle Obbligazioni*** hekk jghid fil-Vol VI para. 47 pag. 65 li jipprovdi s-segwenti:-

*"I contratti, non solo debbono essere eseguiti in buona fede, ma obbligano in oltre tutte le conseguenze che, secondo l`equita`, l`uzo o la legge, ne derivano, quantunque di tali conseguenze non si sia fatto cenno nella convenzione. E cio` vuol dire che I contraenti non hanno bisogno di indicare, allocche` ntraggono, le conseguenze derivanti dal contratto, presumendosi al riguardo che essi abbiano implicamente volute, se il contrario non risulti dalla stilupata convenzione."*

Il-kuncett ta' buona fede gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet '**Pia Grech vs. Mondial Travel',** Appell Civili Nru. 4/08, deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-07 ta' Novembru, 2008, bil-mod segwenti:

"*la buona fede va intesa in senso oggettivo, quale criterio di correttezza alla stregua dal quale valutare se lo squilibrio derivante dalla clausola sia o meno significativo. Cosi intesa, la buona fede dota l'interprete di un essenziale criterio per la verifica dell' abusivita della clausola, tale essendo la clausola che squilibri un contratto del canone della buona fede. Pertanto la norma andrebbe letta nel senso che la clausola è abusiva se determina uno squilibrio significantivo e lo squilibrio va considerato significativo quando comporta una disparita` di trattamento tra le parti che, secondo i principi di correttezza, non è accettabile da parte dell'ordinamento giuridico."*

Kif ritenut fis-sentenzi **"Paul Vella vs Andrew Bugeja et"** (A.I.C. (PS) - 03 ta' Frar, 2003) u **"Borg vs Buttigieg de Piro"** (P. A. - 03 ta' Jannar, 1995) l-appaltatur li ma jottemprax ruhu mal-ftehim, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skont l-arti u s-sengha mhux intitolat ghall-hlas.

Illi tenut kont tal-fatt li l-konstatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skont l-arti u s-sengha hi materja ta' indole teknika, u tenut kont tal-fatt li l-ilment tal-konvenuta kien biss dwar ix-xoghol tas-salvavita u mhux tax-xoghlijiet l-ohra ezegwiti mill-attur, u

tenut kont tal-fatt ukoll li l-konvenuta ma gabet ebda prova fir-rigward ghajr li hija u missierha qabdu lil terzi jaghmel ix-xoghol tas-salvavita izda prova li dan kien bi htija tal-attur ma saritx, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta li x-xogholijiet esegwiti mill-attur ma sarux skont l-arti u s-sengha.

Rigward l-eccezzjoni taghha l-ohra li l-ammont mitlub huwa wiehed esagert, lanqas din ma tista tigi akkolta stante li ebda prova ta' dan il-konvenuta ma resqet.

Il-konvenuta ebda prova ta' dan ma gabet u ma kien xejn xi jzommha milli tressaq lil min irrangalha s-salvavita meta l-attur kien imsiefer. Kif lanqas intavolat kontro-talba ghad-danni allegatament subiti.

Jonqos biss ghalhekk jigi stabilit jekk il-konvenuta ghandhiex thallas ghal dawn l-ispejjez; Hija tikkonferma li x-xoghol sar fuq inkarigu minnha izda hija kellha arrangement ma' missierha li tordna hi u jhallas hu. Li hija kienet tghid lill-attur li x-xogholijiet hemm bzonn u li meta hallset lill-attur dan gara ghax missierha jkun imsiefer u wara missierha kien jirrifondilha l-flus li tkun harget. Missier l-konvenuta wkoll jikkonferma dan u li kif ghamel ma' ibnu cioe' li jirrangalu d-dar u jhallas hu hekk l-istess ried jaghmel ma' bintu.

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet: **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo–** Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta'presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Illi mill-provi li jirrizultax li l-konvenuta qatt infurmat lill-attur li missierha kien ser ihallsu tax-xogholijiet li kienet qed tinkarigah jaghmel anzi mill-emails li hija kienet tibghat lill-attur hija kienet tispjegalu x'hemm bzonn isir u qatt ma qaltlu li dan kien kaz fejn hija tordna u missierha jhallas.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef erba' mija u tnejn u hamsin ewro u

tmienja u sittin centezmu (€3,452.68c) vat bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**